KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888, Mob. 99719801, Fax: 21583058

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 43, miżmuma nhar il-Ħamis 16 ta' Novembru 2017 fil-17.30, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.**

Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

---

**Preżenti**

**Membri Preżenti:**

- Graziella Galea — Sindku
- David Thake — Vici Sindku (17.50)
- Anne Fenech — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Alfred Grima — Kunsillier
- Raymond Tabone — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier (17.40)
- Daniel Grima — Kunsillier (20.35)
- Joseph Vella — Kunisllier
- Robert Piscopo — Kunsilier (17.55)
- Paul Bugeja — Kunsillier

Membri Assenti b'Apoloġiji

- Mandy Buhagiar — Kunsilliera
- Matthew Barbara — Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Elke Sghendo — Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888, Mob. 99719801, Fax: 21583058

# AĠENDA

43.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

43.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

43.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

43.4 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti u xiri t' oġġetti jew servizzi nkluż :

- Servizz tal-għoti tal-vaċċin tal-influenza
- Xiri ta' 5 laptops/computers
- Xiri ta' kotba (ċirkulari numru 22/2017)
- Uniformi tal-Ħaddiema u Safety Clothing
- Welding Equipment u ghodda ohra mehtiega
- Council souvenirs (Torrijiet, Lapel Badges eċċ) u bnadar
- Proposal TCTC – computer course

43.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

43.6 Approvazzjoni tar-rapport tal-bord ta' l-ingaġġ ta' skrivani

43.7 Approvazzjoni tar-rapport t' evalwazzjoni għal:

a. Kwotazzjonijiet
   i. Xiri ta' Cold Asphalt
   ii. Xiri ta' Road Marking Paint

b. Tenders :
   i. Dwal u tizjin tal-Milied
   ii. Ftuħ, tindif, u għeluq ta' Latrini Pubbliċi
   iii. Knis tat-toroq (Street Sweeping)

43.8 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill li jkunu meħtieġa;

**a.** Vot għal attivitajiet kulturali – inkluż anzjani, żgħazagħ, kultura
**b.** Dawl u Attivitajiet relatati mal-Milied
**c.** Kalendarju għas-sena 2018
**d.** Proposta għal Użu ta' Fondi tal-Planning Gain f'Burmarrad
**e.** Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju (Quarterly Financial Statements)
a) April-Ġunju
b) Lulju-Settembru
**f.** Talba għal Permess mill-ERA għal Van fix-Xemxija
**g.** Rapresentazzjoni dwar PA06662/17 – Talba għal permess fl-Imbordin

- **h.** Rapresentazzjoni dwar PA08121/17 – Talba għal permess f'Bajja Sant'Injazju, Buġibba
- **i.** Attivita' Jum Dinji tat Tfal – 20 ta' Novembru
- **j.** Proposta mill-Green MT b'risq l-Istrina
- **k.** Proposta mill-E.T. il-President ta' Malta dwar l-Istrina
- **l.** Stedina mill-Onor. Silvio Parnis biex tibagħtu s-suġġerimenti tagħkom – Riforma
- **m.** Byelaws
- **n.** Bandli – Update
- **o.** Update dwar Appell għal PA 1514/16 : Petrol Station f'Burmarrad
- **p.** Rapport Flejjes lil NGO
- **q.** Memo 21/2017 fuq restawr ta' postijiet storici
- **r.** Memo fuq Tarmac fund mir-Regjun Tramuntana
- **s.** AKL 46/17 – Inizjattiva MCCF

43.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---------------------------------------------------------------

Il-Laqgħa nfetħet mis-Sindku, il-Peri Graziella Galea.

Is-Sindku fetħet il-laqgħa billi rringrazzjat lill-membri tal-attendenza. Laqgħat lil Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv Elke Sghendo u awguratilha l-ħidma t-tajba.

## 43.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Mandy Buhagiar u Matthew Barbara talbu li jkunu skużati minħabba mpenji tax-xogħol

## 43.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

<u>Approvazzjononi tal-minuti 39. (22/08/17)</u>

Is-Sur Alfred Grima, propona li jitneħħa il-ħinijiet ta' x'ħin ħarġu l-kunsilliera fid-21.30 minn fuq l-ewwel paġna tal-minuti. Hu spjega li x'ħin ħargu mil-laqgħa numru ta' kunsilliera kien id-21:30 u għalhekk il-laqgħa ma ntemmitx minħabba nuqqas ta' kworum iżda għax kien sar il-ħin. F'din il-laqgħa kien hemm mumenti ta' waqfin u għalhekk is-Sindku spegjat li l-laqgħa ma kienetx spiċċat, iżda waqfet minħabba nuqqas ta' kworum u għalhekk il-ħin għandu jibqa'.

It-tieħdet votazzjoni dwar il-proposta tal-kunsillier A. Grima:

Vot: 4 favur u 3 kontra

Favur: Alfred Grima, Raymond Tabone, Paul Bugeja, Joseph Vella.
Kontra: Graziella Galea, Antoinette Bezzina, Anne Fenech.

Wara dan, kien hemm qbil unanimu li l-minuti jiġu approvati hekk kif preżentati u bl-emenda tal-kunsillier A. Grima.

Approvazzjononi tal-minuti 40. (15/09/17)

Alfred Grima propona li din il-laqgħa ta' urgenza tiġi kunsidrata nulla minħabba li kien diskuss iktar minn item wieħed. Is-Sindku konfermat li kien item wieħed li ġie diskuss.

*17.40hrs – Stephen Cremona daħal għall-laqgħa*

Kontra Proposta :Is-Sindku kellha kontra-proposta, illi l-laqgħa m'għandhiex tkun nulla minħabba li kien diskuss item wieħed.

Vot dwar il-Kontra Proposta: 3 favur u 5 kontra
Favur: Graziella Galea, Anne Fenech, Antoinette Bezzina.
Kontra: Alfred Grima, Raymond Tabone, Stephen Cremona, Paul Bugeja, Joseph Vella.

Raymond Tabone talab klarifika lil ADSE sabiex jiċċekja mad-dipartiment jekk il-laqgħa 40 urgenti, tistax titqies nulla jekk kien hemm iktar minn item wieħed li ġie diskuss.

Vot dwar il-proposta ta' Raymond Tabone: 5 favur u 3 kontra

Favur: Alfred Grima, Raymond Tabone, Stephen Cremona, Paul Bugeja, Joseph Vella.
Kontra: Graziella Galea, Anne Fenech, Antoinette Bezzina.

### 43.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

43.3.1 Is-Sindku nfurmat li r-rapport dwar il-lattrini kien tlesta.

43.3.2 Is-Sindku infurmat li laqgha sarret u din il-materja qed fuq l- Agenda

43.3.3 Il-Ballroom Dancing qiegħed isir fl-iskola primarja ta' San Pawl il-Baħar.

43.3.4 Dwar punt 39.3.4 - Pink October - is-Sindku nfurmat li kien mixgħul it-Torri ta' Wignacourt u li kellna ż-żjara fil-lokalita' tal-mara tal-Prim Ministru is-Sna. Michelle Muscat fejn kienu mistiedna wkoll il-kunsilliera lokali.

43.3.5 Dwar punt 39.4 is-Sindku spjegat li x-xogħol u servizzi approvati kienu saru.

43.3.5 Dwar punt 39.5 is-Sindku spjegat li waħda mill-persuni approvati iddeċidiet li ma taħdimx mal-Kunsill Lokali wara li kienet approvata mill-Kunsill, filwaqt li għaddej il-proċess dwar il-ħaddiema l-oħra li kienet approvata.

43.3.6 Is-Sindku infurmat li komplew isiru l-attivitajiet tax-xahar li tieħu ħsieb il-kunsillier Antoinette Bezzzina u li huma ssusidjati mill-Kunsill Lokali u li dawn qiegħdin ikunu dejjem iktar ta' suċċess. L-attivita' li jmiss ser issir fid-19 ta' Diċembru.

43.3.7 Is-Sindku qalet li preparat l-informazzjoni għal ċċirkular AKL60 dwar tindif fil-widien u li din ġdin sottomessa.

43.3.8 Is-Sindku infurmat li nħareg il-permess sabiex il-fishfarms joħorġu l' barra minn San Pawl il-Baħar.

43.3.9 Is-Sindku infurmat li bagħtet informazzjoni dwar ix-Xemxija Heritage Trail, u dan skond ċirkulari AKL 57/2017. Din l-informazzjoni ġiet inkluża f'publikazzjoni li tqassmet lil diversi.

43.3.10 Green MT taw vouchers lil residenti li nstabu jirriċiklaw. – Raymond Tabone talab ikun jaf kemm-il voucher tqassmu u f'liema toroq.

43.3.11 Is-Sindku infurmat li, wara talba li saret mill-Kunsill Lokali, il-Mobile Dental Unit din is-sena kienet f'diversi żoni fil-lokalita' u li b'kollox ser tkun f'ħames żoni. Din ikun jgħati servizz madwar il-lokalita'.

43.3.12 Dwar l-applikazzjoni li għamel il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar għal fondi ewropej taħt miżura 4.3 għal xogħol ta' resurfacing f'toroq rurali, il-Kumitat tal-għażla infurmat li kienet mitluba iktar informazzjoni fosthom

photographic report ta' Triq Busewdien, li t-triq immarkata taħt Ras il-Wied tkun waħda inqas għax parti mit-triq tati għal żoni li mhux agrikoli, u li t-triq imsemmija Lane in Triq Busewdien tneħħiet minn din il-lista għaliex hi ta' benefiċċju iktar għas-settur non agrikolu milli dak agrikolu. – Is-Sindku ikkonfermat li d-dokumentazzjoni mitluba nbgħatet kollha. Dwar triq Busewdien is-Sindku infurmat li kien hemm ukoll applikazzjoni minn Transport Malta u għalhekk intalbet iktar informazzjoni – finalment l-importanti hu li ssir it-triq.

43.3.13 Is-Sindku spjegat li l-fondi allokati lill-Kunsill taħt l-iskema Capital Projects setgħu jintużaw għal proġetti oħra, dan wara li l-proġett oriġinali ma setax jitwettaq. Ġie deċiz unanimament li l-fondi għandhom jintużaw skont dawn il-prioritajiet

1. CCTVs,
2. zebra crossings bis-solar lights
3. il- platform għal Heritage Trail biex ikun aċċessibli għal persuni li jużaw is-siġġu tar-roti.

43.3.14 Il-Kunsill irċeva talba sabiex tintuża s-sala tal-Kunsill Lokali għal tnehdija ta' ktieb dwar Freddie Portelli. Din it-talba kienet approvata unanimament.

43.3.15 PC0059/17 -To change designation from bus terminus to developable area with maximum building height of 17.5 m and street elevation of 14.1m at Triq Għawdex. Is-Sindku preżentat id-dokumenti tal-applikazzjoni u qrat il-kummenti li ta l-Perit tal-Kunsill dwar din l-applikazzjoni. Ittieħed vot dwar jekk il-Kunsill hux favur din l-applikazzjoni:

Voti: 5 Kontra u 4 Astenzjonijiet

Kontra: Graziella Galea, Alfred Grima, Anne Fenech, David Thake, Daniel Grima
Favur: 0
Astjenew: Raymond Tabone, Paul Bugeja, Robert Piscopo, Stefen Cremona,

Peress li kien hemm 5 voti kontra, ħadd favur u erbgha astjenew gie deċiż li jkun hemm oġġezjoni għal din l-applikazzjoni.

**43.4 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti u xiri ta' oġġetti jew servizzi inkluż :**

**43.4.1 Servizz tal-għoti tal-vaċċin tal-influenza**

Kien hemm qbil unanimu dwar l-għoti tal-vaċċin tal-influwenza mill-Kunsill Lokali. Is-Sindku spjegat li s-Sur Ray Tabone għamel kuntatt mal-Health Promostion sabiex dan il-vaċċin ikun jista' jingħata b'xejn, u ta' dan irringrazzjatu. Minħabba li sa issa għad ma kellniex risposta dwar meta din tista' tingħata Iżda ġie maqbul li jekk sa nhar il-Erbgħa 22 ta' Novembru, ma jkonniex data fil-qrib, allura dan is-servizz jiġi mikri mil-privat, a spejjeż tal-Kunsill, u dan mill-kwotazzjonijiet li rcievejna billi tintgħazel l-aktar vantaggjuza, sabiex il-vaċċin ikun jista' jingħata fil-ħin.

*18.49hrs Alfred Grima telaq u dahal 18.51*

**43.4.2 Xiri ta' 5 laptops/computers**

Kien hemm qbil unanimu sabiex jinxtraw dawn il-laptops/computers skond l-ispecifications li jħejji s-Segretarju Eżekuttiv.

**43.4.3 Xiri ta' kotba (ċirkulari numru 22/2017)**

Is-Sindku nfurmat li l-Kunsill ibbenefika minn €800 biex jintefqu f'kotba inkluż għal persuni bid-dislexia skond il-parametri tal-istess ċirkulari. Il-librara ħadet ħsieb li tara liema kotba hemm bżonn jinxtraw, fejn l-istma ġiet tammorta gal €1600, li minnhom ill-Kunsill iħallas €800). Kien hemm qbil unanimu dwar dan u li dawn jinxtraw minnufih.

**43.4.4 Uniformi tal-Ħaddiema u Safety Clothing**

Is-Sindku spjegat il-bżonn li tinħareġ tender għal uniformijjiet. Anne Fenech sostniet li l-uniformijiet tal rekruti l-ġodda għandhom jinxtraw wara li tghaddi il *probabtion period.*
Kien hemm qbil unanimu dwar ix-xiri tal-uniformi. Il-ħaddiema li jaħdmu fuq barra wkoll għandhom ikollhom safety clothing. Kien hemm qbil li dan għandu jinxtara. L-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb dan ix-xiri.

**43.4.5 Welding Equipment u għodda oħra meħtiega**

Il-kunsilllieri kollha qablu unanimament li jixtraw l-għodda meħtieġa skond il-ħtiġijiet tal-Kunsill taħt id-direzzjoni tal-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv. Alfred Grima irrimarka li welding equipment, jeħtieġ, li minn jużah ikun mħarreġ sew.

Emenda:

Il- Kunsillieri kollha qablu unaninament li jixtraw l-ghoddot mehtiega.
Alfred Grima irimaarka li welding Equipment jehtieg li minn jizah ikun mharreg sew u ghalhekk kien hemm qbil unanimu li ma jinxtarax.

**43.4.6 Council souvenirs (Torrijiet, Lapel Badges eċċ) u bnadar**

Is-Sindku semmiet il bżonn ta' xiri ta'' numru ta' Souvenirs, sa massimu tal-limitu tad-direct order għal kull oġġett.

Torrijiet li kellu l-Kunsill fil-passat.
Diversi kunsilliera semmew il-possibilita' li jsiru torrijiet differenti iżda ma ġewx preżentati xi idejat.
Is-Sindku ssuġġeriet li għandhom jinxtraw torrijiet simili għal dak li kellu l-Kunsill. Xi kunsilliera ssuġġerew li minflok għandna noħorgu b'idejat differenti u talbet lill-kunsilliera biex jatu xi idejat. Is-Sindku ssuġġeriet li għalissa għandna nixtru ftit torrijiet sabiex ikollu l-Kunsill.
Talbet lil kunsilliera biex jghatu xi idejjat.

**Torrijiet:** ittieħed vot dwar hekk għandniex noħorġu b'xi idejat qabel ma jinxtraw xi souvenirs

Voti: 6 kontra u 3 favur
Kontra: Alfred Grima, Raymond Tabone, Stephen Cremona, Paul Bugeja, Joseph Vella. Robert Piscopo
Favur: Graziella Galea, Antoinette Bezzina, Anne Fenech
Is-Sindku nfurmat lill-kunsilliera sabiex jibagħtu l-idejat tagħhom sal-laqgħa li jmiss sabiex din il-proposta tista' tkun msemmija fil-laqgħa li jmiss.

**Lapel Badges :** Qbil unanimu li jinxtraw sa massimu ta' 1,000

**Bnadar :** Qbil unanimu sabiex jintxraw sa massimu ta' 4 settijiet.

### 43.4.7 Proposal TCTC – computer course

Is-Sindku għarfet lill-kunsilliera li korsijiet tat TCTC jistaw jiġu offruti bħas-snin li għaddew u qrat il-korrispondenza relatata.

Ray Tabone issuġġerixa li skont kemm ikun hemm applikazzjonijiet il-kunsill jisponserja bejn €5 jew €10 meta jkun hemm spiża ta' €10 għal materjal li jiġi provdutt. Kien hemm qbil unanimu li jsiru l-korsijiet msemmija fil-proposta tat-TCTC kif ukoll li l-Kunsill iħallas parti mill-ispiża tal-materjal provdut.

Is-Sindku semmiet li hemm xi servizzi/oġġetti oħra li hemm bżonn l-approvazzjoni tagħhom fosthom kalendarju għal 2018 u dawl ġdid fi Triq il-Klamari. Il-Kunsillier A. Grima rrimarka li dawn ma kienux speċifikati fil-lista li hemm imniżżla fl-aġenda u għaldaqstant ma setgħux jiġu mressqa.

### 43.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

Għall-mistoqsija dwar l-għajnuna lill-NGOs mill-Kunsill, is-Sindku wieġbet li din ġa kienet preżentata anke permezz ta' imejl u reġgħat preżentat din l-informazzjoni.
Għall-mistoqsija dwar il-finanzi tal-Kunsill mill-Kunsillier Paul Bugeja, is-Sindku nfurmat li għaddiet dawn il-mistoqsijiet lill-accountant tal-Kunsill u ssuġġeriet li l-kunsillier jingħata dawn ir-risposti kif ukoll oħrajn li xtaq jagħmel waqt li l-accountant tkun qiegħda fis-sala tal-Kunsill, hekk kif hemm item relatat fl-aġenda.

Għall-mistoqsija dwar id-deċiżjonijiet tal-Kunsill, is-Sindku nfurmat li din l-informazzjoni hi waħda li tieħu ħafna ħin u li mhix miġbura iżda disponibbli għal kulħadd mill-minuti li huma pubbliċi u fejn hemm xi dubju wieħed jista' jiċċara dan mal-Kunsill.

## Iskedi tal-Pagamenti

- (641) Is-Sindku nfurmat li l-Kunsill kien irċeva certifikazzjoni oħra mill-Perit tal-Kunsill wara li tlesta iktar xogħol u għaldaqstant il-pagament lil Delta Projects ġie miżjud minn €29,778 għal €34,707.62 mingħajr VAT

- (639, 639a) Anne Fenech staqsiet rigward 639 u 639a, ADSE ikkonfermat li dawn huma commission fuq tickets.

- Paul Bugeja issuġġerixxa li l-vetturi tal-Kunsill Lokali ikollhom rendikont ta' kemm jagħmlu mili u kemm qed jintefqu flus għal fuel, kull vettura.

- Alfred Grima staqsa rigward is-salarju tad-DSE George Abdilla, fejn fl-ewwel ġimgħatejn mill-impjieg tiegħu, dan għamel ammont kbir ta' siegħat.
    - Joseph Vella, Paul Bugeja u Alfred Grima talbu rendikont tas-siegħat li għamel George Abdilla fil-Kunsill Lokali u l-clearance li kellu mir-Reġjun Tramuntana.
    - Raymond Tabone talab li jkollna l-ammont ta' siegħat li ħadem George Abdilla kemm il-Kunsill Lokali, kif ukoll ir-Reġjun Tramuntana, kull ġurnata.

- (651) – speeding ticket – ADSE wiegbet li hi commission tas-CCTVs

- (691) – drainage works –Paul Bugeja staqsa rigward pagamenti li hemm bżonn endorsement mill-perit fejn gie accertat mis-Sindku li hekk isir, per eżempju kif qed isir dwar il-proġett Thalassalejn.

- (690a) – Alfred Grima staqsa rigward ix-xogħolijiet li kienu saru – twaħħil ta' bollards fil-biċċa pedonali ħdejn il-flats tal-Big Ben, Triq il-Qawra. Is-Sindku infurmat li kien hemm deċiżjoni tal-Kunsill li dawn isiru u li kien hemm bżonn is-superviżjoni tal-pulizija sabiex dawn isiru.

- (697) – flushing of culverts with bowser – Stephen Cremona għadda kumment li wara jumejn, dawn il-culverts reġgħu nstaddu u oġġezzjona għall-pagament. Kien ukoll kellem lil skrivana l-għada li sar it-tindif. Alfred Grima għadda kumment li, meta l-ammont jingħadd, dawn jammontaw għal 25 bowser. Għamel kjarifika illi joġġezzjona biss li ħarġet quote waħda u ma kienx hemm 2 oħra, anke hekk ix-xogħol kien wieħed urġenti. L-ADES ser tibgħat imejl lil-kunsillieri dwar il-culverts li tnaddfu u jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni jsir il-pagament, jekk issir oġġezzjoni, titla għal Laqgħa oħra.

*18.33hrs Robert Piscopo ħareġ mil-laqgħa.*

- (715) – Alfred Grima qal li l-wording qiegħed bħala manholes, filwaqt li għandu jkun culverts

- (735) – Ozone Ltd, kont tat-telefown

- (739) – Ġie ikonfermat li l-ammont daħal kollu il-Kunsill Lokali qabel ħareġ il-pagament

*18.40hrs Robert Piscopo irritorna għal-laqgħa*

- (713) — No Parking stickers,
  Raymond Tabone għadda talba li d-darba li jmiss, li jiġu ordnati, dawn ikunu bl-Ingliż ukoll

- (728) – Alfred Grima staqsa x'kienet din id-Direct Order. Fejn ġie spjegat li dan kien xogħol relatat mal-attivita' tal-Milied tas-sena l-oħra

  L-iskedi tal-pagamenti gew approvati b'mod unanimu bir-riserva fuq pagament numru 697. Proponent Kunsillier Anne Fenech u sekondant Kunsillier David Thake

**43.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

- 39.4 – il-Kunsilliera Anne Fenech xtaqet tkun taf għaliex għadhom qed isiru pagamenti lejn John Mamo. L-ADES spjegat li ser tiċċekja dwar dan. Ray Tabone wiegeb li il-kunsill ikun reimbursjat mid- Dipt. tal-Edukazzjoni tal-paga tieghu.

**43.6 Approvazzjoni tar-rapport tal-bord ta' l-ingaġġ ta' skrivani**

Is-Sindku infurmat li kien hemm 3 postijiet vakanti. Ir-rapport ta' l-ingaġġ ta' skrivani tpoġġa għal approvazzjoni tal-kunsill. Il-laqgħa waqfet għal ftit minuti sakemm ġie diskuss ir-rapport. Is-Sindku sostniet fuq il-bżonn li dawn l-iskivani jigu msejjħa mill iktar fiss. Ray Tabone u Alfred Grima talbu li jridu jassiguraw u talbu lill ADSE tiċċekja mad-dipartiment biex jaraw li l-proċess sar kif suppost. Saħqu li jekk il-proċess sar kif suppost għalura jistaw jissejhu l-ewwel tlieta biss. ADSE se tiċċekkja jekk jistawx jissejhu l-ewwel tlieta biss. Għaldaqstant is-Sindku ssuġġeriet li jiġu approvati l-ewwel tlett impjegati skond ir-rapport. Il-Kunsillier Robert Piscopo sostna li dan mhux possibli għax fl-aġenda hemm imniżżel approvazzjoni tar-rapport. Għaldaqstant saret Votazzjoni fuq approvazzjoni tar-rapport. (peress li rapport kien fih iktar minn tlieta għallura ittiehed votazzjoni fuq ir-rapport kif inhu preżentat)

Alfred Grima qall li kif sar fil passat u sindku rrimarkat li kien kas differenti.

Voti: 5 Favur u 6 Kontra

Favur: Graziella Galea, David Thake, Anne Fenech , Antoinette Bezzina, Daniel Grima,

Kontra: Alfred Grima, Raymond Tabone, Stephen Cremona, Paul Bugeja, Joseph Vella, Robert Piscopo.

**43.7 Approvazzjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni għal:**

a. Kwotazzjonijiet

i. Xiri ta' Cold Asphalt -

L-ADES preżentat ir-rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni. Il-laqgħa waqfet għal ftit minuti u l-live streaming ġie mitfi sakemm ġie diskuss ir-rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni. Wara l-laqgha kompliet. Il-membri qablu unanimament mar-rapport.

ii. Xiri ta' Road Marking Paint

L-ADES preżentat ir-rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni. Il-laqgħa waqfet għal ftit minuti u l-live streaming ġie mitfi sakemm ġie diskuss ir-rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni. Wara l-laqgha kompliet. Il-membri qablu unanimament mar-rapport.

b. Tenders : Tizjien Tal- Milied

iii. L-ADES preżentat ir-rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni. Il-laqgħa waqfet għal ftit minuti u l-live streaming ġie mitfi sakemm ġie diskuss ir-rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni. Wara l-laqgha kompliet. Raymond Tabone talab li jigi vverifikat li l-process kollox sar sar skont il-ligi u ddikjara li se jivvota favur ir-rapport minħabba li jrid li tizjin tal-Milied jigi gawdut ,mir-residenti.

Ittieħed Vot: dwar ir-rapport kif preżentat

Voti: 6 Favur u 5 Assentzjonijiet

Favur: Graziella Galea, David Thake, Anne Fenech , Antoinette Bezzina, Daniel Grima u Raymond Tabone

Asstentzjonijiet: Alfred Grima, Stephen Cremona, Paul Bugeja, Joseph Vella, Robert Piscopo.

Alfred Grima qall: Dan it-tender qatt ma tela quddien il-kunsill ahseb u ara kemm kien approvat.
Is- Sindku nfurmat li Gara li sar fil-passat u li kien hemm kif ukoll nuqqas ta laqghat u lil lien hemm sotto kumitat.

Il-vot favur ghadda u approva r-rapport tal-evalwazzjoni.

iv. Ftuħ, tindif, u għeluq ta' Latrini Pubbliċi

Il-Kunsilliera Joseph Vella u Paul Bugeja qamu minn fuq il-mejda minħabba li Sur Vella huwa is-Segretarju u li Sur Bugeja hu missier il-president atwali. L-ADES preżentat ir-rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni. Il-laqgħa waqfet għal ftit minuti u l-live streaming ġie mitfi sakemm ġie diskuss ir-rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni. Wara l-laqgha kompliet. Il-membri qablu unanimament mar-rapport.- Approvazzjoni unanimu

*Il-Kunsilliera Joseph Vella u Paul Bugeja daħlu lura għall-laqgħa.*

v. Knis tat-toroq (Street Sweeping)
Dan l-item ma ġiex diskuss minħabba li għada għaddejja l-evalwazzjoni.

*19.20hrs Anne Fenech telqet minn mal-mejda*
*19.21hrs Anne Fenech irritornat lura għal-laqgħa*

## 43.8- Items ohra ta' xoghol iehor tal-Kunsill li jkunu mehtiega;

**43.8 a**. Vot ghal attivitajiet kulturali - inkluz anzjani, zghazagh, kultura – is-Sindku għaddiet suġġeriment li għandu allokat fond ta' 5,000 ewro għal proposti rigward dawn l-attivitajiet sabiex jiġu approvati mill-amministrazzjoni u l-Kunsilliera jiġu nfurmati bihom meta ma jkunx hemm laqgħa tal-Kunsill .

**43.8 b**. Dawl u Attivitajiet relatati mal-Milied.

Is-Sindku tat rendikont dwar id-dawl u l-attivitajiet tal-Milied u rringrazzjat lill-kunsilliera Anne Fenech u Stephen Cremona tal-għajnuna tagħhom flimkien mal-ħidma tal-istaff tal-Kunsill.

Il-mużew tas-subien talab li l-Kunsill iħallas lill-banda li tkun takkompanja l-purċissjoni. Is-Sindku staqsiet hekk hawnx xi kunsilliera li għandhom kunflitt ta' interess. Raymond Tabone issuġġerixxa li l-Kunsill iħallas sa massimu ta' €950 lill-banda.ien hemm qbil unanimu.

KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888, Mob. 99719801, Fax: 21583058

Is-Sindku qrat talba għal għajnuna finanzjarja għat-tiżjin tal-Milied mill-kumitat ta' Burmarrad. . Kien hemm qbil unanimu li tingħata din l-għajnuna.

Stephen Cremona informa li l-MTA se ta' 3,000 ewro KunsillLokali jiehu hsieb jarmaw Triq it-Turisti a spejjeż tal-istess Awtorita'. L-ADSE kellha tiċċekkja jekk id-Dipartiment jgħidx li din hi l-proċedura biex taghmel il-ħlas ta 3000euro u jinghataw mil-MTA lura hiex permessibli inkella għandux isir kif sar is-sena l-oħra u l-ħlas isir direttament lill-kuntrattur imqabbad mill-MTA.

**43.8 c.** Proposta ghal uzu ta' Fondi tal-Planning Gain f' Burmarrad. Ġiet preżentata l-proposta maqbula fil-laqgħa li kienet saret mal-kuntrattur. Ray Tabone issuggerixa li jekk ikunu hemm bzonn ta' żieda finanzjarja minn naħa tal kunsill dan isir biex biex ikun hemm bandi u pjazza kif xieraq lill-lokalita'. Kien hemm qbil dwar dan.

**43.8 d.** Rapresentazzjoni dwar PA06662/17 - Talba ghal permess fl-Imbordin. –

Il-Perit Daniel Grima qam minn fuq il-mejda (20.25) minħabba kunflitt ta' interess minħabba li hu l-perit tal-apllikant.

20.29hrs Joseph Vella ħareġ
Avv. Robert Piscopo telaq temporanjament.

Is-Sindku preżentat id-dokumenti tal-applikazzjoni u qrat il-kummenti li ta l-Perit tal-Kunsill.

Il-laqgħa ġiet imwaqqfa sakemm Daniel Grima ta' l-kummenti tiegħu rigward punt PA06662/17

Ittiehed Vot li ma ssirx oġġezzzjoni :
Favur: Alfred Grima, , Stephen Cremona, Paul Bugeja, Joseph Vella, Robert Piscopo Graziella Galea, Anne Fenech, Antoinette Bezzina, David Thake
Kontra: Raymond Tabone

Il-Kunsillier Daniel Grima daħal lura fil-kamra.

20.32hrs Robert Piscopo rritorna għal-laqgħa.

**43.8 d. Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju (Quarterly Financial Statements).**

**Il-laqgħa ġiet imwaqqfa sabiex il-kunsilliera setgħu jagħmlu xi domandi lill-accountant tal-Kunsill.**

**Il-laqgħa kompliet.**

a) April – Gunju

Ir-rapport finanzjarju gie approvat unanimament.

b) Lulju – Settembru

Ir-rapport finanzjarju gie approvat unanimament.

**43.8f.** Talba għal Permess mill-ERA għal Van fix-Xemxija

Kien hemm qbil unanimu li jingħata dan il-permess. , Ray Tabone qall li ghandu jiġi ipparkjat fuq il-bankina sabiex ma jieħu spazzju skond kif indikat fil pjanta tal ERA.

**43.8g** Rapresentazzjoni dwar PA06662/17 – Talba għal permess fl-Imbordin

**43.8 h** PA08121/17 – Talba għal permess f'Bajja Sant'Injazju, Buġibba -

Is-Sindku preżentat id-dokumenti tal-applikazzjoni u qrat il-kummenti li ta l-Perit tal-Kunsill.

Kien hemm qbil unanimu l-Kunsill għandu joġġezzjona.

**43.8 i.** Attivita' Jum Dinji tat Tfal – 20 ta' Novembru

Minħabba li kien sar iż-żmien ma kienx possibli li tittella' din l-attivita'.

**43.8 j.** Proposta mill-Green MT b'risq l-Istrina

Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jippartecipa f'din il-proposta.

**43.8 k.** Proposta mill-E.T. il-President ta' Malta dwar l-Istrina
Kien hemm qbil li l-kunsilliera Anne Fenech u Raymond Tabone jaħdmu fuq din il-proposta.

**43.8 l.** Stedina mill-Onor. Silvio Parnis biex tibagħtu s-suġġerimenti tagħkom – Riform
Raymond Tabone għadda suġġeriment li t-taxxa tal-allowance tal-kunsilliera li tingħata kull 6 xhur ma għandiex tinqata'.

**43.8 m.** Byelaws
Is-Sindku qrat il-korrispondenza relatata. Kien hemm qbil li l-Kunsill ikompli jaħdem fuq dawn il-byelaws.

**43.8 n.** Is-Sindku tat update dwar il-proġett tal-Bandli fiż-żona Thalassalejn fejn fil-ġimgħat li ġejjin għandu jasal l-equipment u jibda jitwaħħal.

Dwar il-bandli fiz-zona tal-Vecc il-Perit Daniel Grima għadda suġġeriment li dawn jiġu rranġati biex jaghmlu tajjeb ghal Car Spaces fil-Blue Waters Complex. Is-Sindku nfurmat li ser issir laqgħa mas-sidien nhar l-20 ta' Novembru fit-08.00 u l-kunsilliera huma mistiedna li jattendu.

**43.8 o.** Update dwar Appell ghal PA 1514/16 : Petrol Station f' Burmarrad.

Is-Sindku tat update dwar dan l-appell u li ser ikun hemm seduta oħra f'Diċembru.

**43.8 p.** Rapport Flejjes lil NGO
Dan ġie preżentat taħt mistoqsijiet mill-kunsilliera

**43.8 q.** Memo 21/2017 fuq restawr ta' postijiet storici.
Is-Sindku nfurmat li kienet saret applikazzjoni għal restawr fuq il-kappella tal-Gillieru. Is-sena l-oħra kienet saret applikazzjoni fuq l-akwadotti. Xi kunsilliera ma qablux li kellha ssir applikazzjoni fuq il-kappella U talbu li tigi rrtirata

Ittieħed vot dwar din l-applikazzjoni fuq il-kappella: 4 Favur u 6 kontra

Favur il- knisja tal- Gillieru : Graziella Galea, Daniel Grima, David Thake, Antoinette Bezzina

Kontra : Alfred Grima, Anne Fenech, Robert Piscopo, Stephen Cremona, Paul Bugeja, Raymond Tabone.

Minflokk gie deccizz li jitkomplew l-Akkwadotti

**43.8 r** Memo fuq Tarmac fund mir-Regjun Tramuntana –

Is-Sindku infurmat li l-Kunsill ibbenefika minn ammont ta’ fondi għal resurfacing, sabiex jintużaw fi Triq J Quintinus. Jekk il-fond ma jkunx biżżejjed, id-differenza għandha titħallas mill-Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan.

**43.8 s.** AKL 46/17 - Inizjattiva MCCF –

Raymond Tabone għadda suġġeriment li t-taxxa ta’ l-aħħar 6 xhur, flok tmur għal-Gvern, tmur għal MCCF.

**43.9 Tmiem tal-Laqgha**

Il-laqgħa ntemmet u ġiet aġġornata għat-18 ta’ Diċembru fil-17.30.

IFFIRMATA

Graziella Galea
Sindku

IFFIRMATA

Elke Sghendo
Agent Deputat Segretarju Eżekuttiv